**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can ), Ph.D.**

**Appell Numru: 440 / 2022**

**IL-Pulijza**

**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**George Catania**

Illum, 5 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat **George Catania** detentur tal-karta ta identita numru **95963(M)** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

f' dawn il-gzejjer fit-23 ta` Marzu 2010 jew fil-jiem u x-xhur ta` qabel kkommetta serq t' ghaxar (10) barrikati (barriers) bi hsara tad-Dipartiment tal-Pulizija liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal- VAT, akkuzat ukoll:

1. Talli fit-23 ta` Marzu, 2010 wara intervent tal-pulizija li saret minn Ufficjali tad-Dwana tal-Pulizija f' garaxx gewwa c-Cirkewwa instab li xjentement kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu kif ukoll laqa' ghandu, zamm jew kellu b' xi mod x' jaqsam fil-garr, twarrib, habi jew depozit ta' 10,250 litru *gasoil* bla dazju, u dan bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern mid-Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqu, u/jew biex jinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-*gasoil*.

Il-valur ta' dan il-*gasoil* huwa ta' €4,123.64, Dazju tas-Sisa huwa ta' €3,612.10 u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija ta' €1392.43

2. Kif ukoll talli fil-gimghat ta' qabel din id-data, fl-istess post u cirkostanzi xjentement gie fil-pussess u/jew xjentement b' xi mod laqa' ghandu zamm, garr u sussegwentement iddispona b' xi mod minn 13,000 litru *gasoil* bla dazju u dan ghad-dannu tal Gvern ta' Malta.

Il-valur ta dan il-gasoil huwa ta €5,229.99, Dazju tas-Sisa €4,581.20 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija €1,765.80

Dan il-*gasoil*, li l-improtazzjoni u l-pussess tieghu huwa projbit u/jew ristrett u/jew limitat ghandu valur totali ta' €9,353.63, Dazju tas-Sisa, €8,193.30 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) €3,158.23, liema Dazju tas-Sisa u V.A.T, ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

U dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(b), (c), (k), 62 (a), (c), (f), (g), (h), (i) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 16 (1) (j) u 17 (a) kif wkoll Regolament 27 (b) tat-Taqsina D tas-sitt skeda tar-Regolamenti dwar Zjut Minerali, ta' l-Att dwar

Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 80 ta' l-Att dwa it-Tazza fuq il-Valur Mizju (Att Nru XXIII TA' L-1998);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-17 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 60 (b), (c), (k), 62 (a), (c), (f), (g), (h), (I) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 16 (1) (j) u 17 (a) kif wkoll Regolament 27 (b) tat-Taqsina D tas-sitt skeda tar-Regolamenti dwar Zjut Minerali, ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 80 ta' ll-Att dwa it-Tazza fuq il-Valur Mizju (Att Nru XXIII TA' L-1998), u l-Artikoli 261, 267, 269 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet u ddikjarat lil George Catania hati ta' l-ewwel imputazzjoni, dik tas-serq aggravat, izda mhux hati tal-bqija ta` l-imputazzjonijiet, li minnhom illiberatu skond il-Ligi;

U, ghal dak li nstab hati tieghu, kkundannatu komplessivament ghall-piena ta` disa (9) xhur prigunerija izda, bis-sahha tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9, ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn (2) mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28 A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **George Catania** fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28 B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

**Ordnat pero` l-konfiska skont il-ligi tal-gasoil esebit formalment (skond kif indikat fin-nota ta' qbid 47 / 2010 esebita bhala dok JB 1).**

Rat ir-rikors tal-appellanti George Catania minnu pprezentat fis-27 t' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u **tirriforma** s-sentenza appellata kif gej:
(a) **Tikkonfermaha** fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u minnha illiberatu cjoe t-tieni u t-tielet imputazzjoni.
(b) **Thassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu hati cjoe l-ewwel (1) imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-ligi.

**Alternattivament, u minghajr pregudizju**, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena inflitta u minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz tenut kont il-fedina penali netta tal-imputat u t-trapass ta-zmen li dan il-kaz ha sabiex ikun konkluz.

Rat illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi kif se jirrizulta waqt il-mori tal-Appell, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reat addebitat ta' serq aggravat lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Meta wiehed jaghmel kronologija tal-fatti ta' dan il-kaz, u janalizza liema huma l-aktar xhieda mportanti f'dan il-kaz jaqa' biss fuq l-ispettur Angelo Gafa. Illi f'dan il-kaz, huwa irrakonta dak li qallu George Catania qua appellant fl-istqarrija tieghu. Ill-l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant George Catania hati ta' serq aggravat fejn fil-

bidu nett l-istess Qorti skartat ghal ragunijiet msemmija fid-dettal tal-istess sentenza din l-istqarrija. Illi kien kawza t'hekk li l-Ewwel Qorti llibera lill-George Catania mill-akkuzi ta' dak li jikkoncerna l-akkuzi relevanti ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-Dwana. Illi fuq il-kwistjoni tal-barikati, liema akkuza l-appellant instab hati, tressaq jixhed fuqhom PS 1574 Cremona fejn huwa ikkonferma l-valur ta' kemm jiswew il-barikati. Illi fil-mori tal-kawza ebda rapport ma' gie esebiet jew inkella xehed xi ufficjal tal-Pulizija li kien hemm barikati naqsu minn xi post partikolari.

Illi l-unika prova li ngiebet kienet l-istqarrija tal-imputat fejn hareg bic-car li l-prosekuzzjoni strahet fuqha biss u ghal raguni mfissra fis-sentenza tal-Ewwel Qorti din giet skartata. Illi dan ma jridx jifthiem li l-Appellant qieghed jikkontesta li l-Qorti skartat l-istess stqarrija u d-direzzjoni li hadet l-istess l-Ewwel Qorti u dan ghaliex jaqbel perfettament ma' din id-direzzjoni. Illi l-unika kontestazzjoni hija dwar l-apprezament tal-provi fejn l-imputat instab hati tas-serq aggravat ladarba l-unika prova li kien hemm kienet l-istess stqarrija. Illi ghalhekk ladarba din l-istess stqarrija giet skartata jibqa' ghalhekk li s-sejbien ta' htija trid tkun ibbazzata fuq fatti u cirkostanzi ohra. Illi hawnhekk li qieghed jigi kontestat mill-Appellant ghaliex ihoss li ma kien hemm ebda prova ohra dwar dan.

Illi fi kwalunkwe kaz anki jekk is-sejbien ta' dawn il-barikati kienu fil-propjeta' tal-appellant, irid jigi stabbiliet b'certezza morali li kien l-appellant li kkommetta s-serq taghhom. Hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat tas-serq u dan permezz ta' provi diretti jew inkella cirkostanzjali u dan sal grad ta' konvinciment morali tal-gudikant u dan ukoll gie stabbilit fil-gurisprudenza mghotija mill-Qrati taghna. Huwa ghalhekk l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-fatti tal-kaz u b'hekk twassal lil min irid jiddeciedi sa dak il-grad ta' konvinciment morali, bla dubbju dettat mir-raguni.

Illi għalhekk ladarba l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija liema fatt mhux qiegħed jiġi kontestat, allura l-mistoqsija hija liema huma dawk il-fatti li wasslu l-Ewwel Qorti li ssib ħtija rigward is-serq aggravat. Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti qalet li l-akkuza tas-serq aggravat giet sufficjentament ippruvata. Illi dawn il-barriers, kompliet tghid l-Ewwel Qorti li dawn ittiehdu kontra x-xewqa tal-pussessur u/jew sid. Illi ghalhekk ladarba ma kienx hemm rapport ta' serq, lanqas xhud iehor ma xehed li kienu sabu xi barrikati nieqsa minn xi lok partikolari, allura kif setghet l-Ewwel Qorti ssib htija?

Illi kif inghad ebda ufficjal tal-Pulizija ma semma xi haga dwarhom jew inkella li dawn kienu qeghdin jintuzaw f'xi lok partikolari u gew nieqsa. Illi anki jekk wiehed ihares lejn l-artikolu 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-uzu tal-kelma **lok**, ghandha tifsira wiesgha u ghalhekk bhal kull haga ohra trid tigi ppruvata li dawn insterqu minn xi lok specifiku. Illi minn dak li hemm fl-istess process, ma hemm ebda xhud li indika xi lok partikolari u dan marbut mal-fatt li ma kien hemm ebda rapport ta' serq. Illi ma' dan kollu huwa marbut il-fatt li ma kien hemm ebda prova ohra li tista' twassal ghal sejbien ta' htija u ghalhekk zgur ma kellux jinstab hati ukoll ta' din l-akkuza.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi is-serq huwa spjegat tramite sensiela ta' sentenzi u cioe, it-tehid ta hwejjeg haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid bi skop li jaghmel qligh. Din gejja mid-definizzjoni Taljana tas-serq kif adottata mill-qrati taghna.

L-ewwel li jrid li jigi ippruvat huwa it-tehid, u hawn nehlu fl-ewwel grad ta' prova, fejn kull ma huwa ritenut mix-xhieda mismugha mill-ewwel Qorti li jwassal bhala stat ta' fatt huwa il-pussess. Kull stqarrija li saret dwar dan il-pusses ma hiex ammissibli bhala prova. Ghalhekk la darba ma giex ippruvat it-tehid ghandna l-iter kriminis nieqes. Mhux biss li ma giex ippruvat it-tehid, izda lanqas ma gie b'xi mod identifikata data u jew lok li allegatament dan it-tehid sar. Zgur li wiehed ghalhekk ma jistghax jinkwadra it-tehid, fin-nuqqas ta' xi forma ta' rapport jew indikazzjoni ta' stat ta' nuqas li dan jinkwadra ruhu fid-dati tal-akkuza.

Dwar in-ness tal-pusses u it-tehid irid ikun hemm sodisfatta it-theory of recent possesstion u fin-nuqqas ghal darb ohra ta' xi forma ta' fatt li jistabilixxi id-data tan-nuqqas lanqs din ma tissusti.

Illi is-sid tal-barriers lanqas ma tela jixhed li dawk huma effettivament barriers tal-Pulizija, billi kull ma jinghad li kellhom il-kelma Pulizija imwahla fuqhom. Qed jigi indikat dan billi l-identifikazzjoni tal-merce rubata dejjem trid tigi identifikata bhala dik nieqsa, u hawn ghandna nexus iehor nieqes u cioe l-konferma lill hin minn kull dubju dettat mir-raguni li l-oggetti hekk indikati bhala barriers tal-Pulizija kienu verament barriers tal-Pulizija.

Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ha dawn il-barriers biex jaghmel qligh minnhom. Jekk wiehed biss jimxi (kif marbut bir-regoli ta' prova) fuq dak li stabilew il-Pulziija, li fil-post kien hemm dawn l-barriers, u x'kien qed isir bihom, uzu jew semplicement mitfughin hemm, ma jindika ebda uzu jew profit biehom, jew skop ta' profit. Li kieku ghal gieh tal-argument dawn instabu go scrap yard wiehed seta jimmagina li l-qligh ikun il-bejgh taghhom bhala hadid, jew li kieku xi hadd indika li dawn fejn kienu kienu qed iservu ghal xi skop, billi l-farm in kwstjoni huwa

wiehed tat-tigieg u dawn il-barriers zgur ma jwaqfux tigieg milli jghaddu. Illi se mai l-prosekuzzjoni kellha takkuzah bl-uniku reat ipotizzat taht dak li hemm fl-artikolu 290 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jghid espressament li:

> *Kull min jixtri jew b'xi mod ieħor jirċievi mingħand persuna oħra jew jinsab li għandu fil-pusses tiegħu xi oġġett li jkollu xi marka jew sinjal li juri li dak l-oġġett huwa proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, jew oġġett illi l-pussessur tiegħu jkun jaf li huwa proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorità kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wieħed jista' jiddisponi minnhom, u jonqos li jagħti kont sodisfaċenti ta' kif l-oġġett jew il-ħaġa jkunu ġew għandu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahar.*

Illi madankollu ebda akkuża inharget kontra George Catania taht dan ir-reat ma tressaq fuqha sabiex iwieġeb ghaliha. Allura ma tistax tinstab htija fuqhu billi huwa reat ad hoc u ma ghandu x'jaqsam xejn mar-reat ta' serq li ghandna fl-imputazzjoni odjerna  Lanqas ma wiehed jista jghid li dan ir-reat huwa kompriz fis-serq ghax ghall-gieh tal-argument jista jkun gej minn misappropriazjoni jew ricettazjoni li dawn ukoll huma neqsin.

**Piena**

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq imsemmija u jekk il-Qorti jidhrilha li tichad l-appell, l-esponent umilment jikkontendi li l-piena nflitta mill-Onorabbli l-Ewwel Qorti setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar miti u ghalhekk l-esponent jitlob temperament fil-quantum tal-piena imposta fuqhu. Dan tenut kont tal-fatt ukoll it-trapass ta' kwazi tnax-il sena minn meta gie akkuzat l-appellant.

**Ikkunsidrat,**

L-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu qiegħed isostni illi l-Ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta din sabet lill-istess appellant ħati tal-ewwel akkuża fil-konfront tiegħu.

Din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Julian Genovese</u>**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***<u>ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.</u>*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***<u>izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.</u>*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma*

[1] Deciza 31 ta' Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux bizzejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-

---

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

---

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[11] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [13] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.

*evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom

---

[14] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Joseph Thorne__**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru **__l-verita' storika__**; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

---

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

**L-ispettur Angelo Gafa**[17] xehed nhar it-18 ta' April, 2013 fejn stqarr li nhar it-23 ta' Marzu 2010 kien duty officer Economic Crimes Unit u kien gie informat mill-Ispettur tad-Dwana Joseph Gatt mill-*Enforcement section* li kellhom suspett li sabu xi diesel bla dazju go garaxx f' 'Morning Dawn Farmhouse', Ghajn Tuta Street, Cirkewwa. Dakinhar flimkien ma PS 474 Norbert Said mar fuq il-post. Fejn sabu lill-Ispettur Joseph Gatt tad-Dwana akkompanjat minn numru ta' ufficjali tad-Dwana fosthom l-Ispettur CJ Farrugia.

Kien hemm suspett li dan id-diesel kien bla dazju minħabba l-lewn ahmar tieghu u hemm hekk, l-akkuzat ha responsabilita' tad-diesel li instab u li allura dan ukoll kellu fil-pussess tieghu ic-cwievet ta' dan il-garaxx fejn instabu it-tankijiet.

Hu meta wasal fuq il-post arresta lill-appellant u tah it-twissija skond il-ligi. Fil-fatt fil- presenza ta' PS474 Norbert Said u l-Ispettur Gatt tad-Dwana, l-akkuzat infurmah li ma xtaqx jikkonsulta ma avukat qabel ma jigi interrogat u din ghamilha bil-miktub. L-appellant baqa' jinsisti li s-sors minn fejn jixtri dan id-diesel ma kienx jafu. Barra l-garaxx tieghu kien hemm bowser u l-akkuzat insista li ma kienx jikkontjeni diesel imma kien jikkontjeni *light heating oil u engine oil.*

Ittiehdu samples mill-Ufficjali tad-Dwana mill-bowser fejn dawn is-samples kienu issigillati mentri l-bowser kien gie ssigillat tad-Dwana ukoll. Il-garaxx għalqu l-imputat stesss bic-cwievet tieghu u dan il-garaxx flimkien mal-bowser ssigilat baqghu taht osservazzjoni mal-lejl mill-ufficjali tad-Dwana u cioe I-Ispettur CJ

[17] Fol. 29 et seq tal-process.

Farrugia, l-ufficjal Richard Briscow u l-ufficjal Anthony Bonello. Dakinhar is-sur Catania inzamm arrestat u l-ghada rrilaxxa stqarrija.

Permezz ta'sentenza ohra,[18] l-istqarrijiet tal-appellant George Catania gew iddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati u ghaldaqstant ma ghandiex tittiehed in konsiderazzjoni kwalunkwe referenza ghalihom.

Wara din l-istqarrija. Flimkien ma PS 474 Norbert Said, regghu marru fuq il-post ic-Cirkewwa u dan peress li l-ufficjali tad Dwana riedu jiehdu iktar samples mill-garaxx tieghu.

Malli wasal fuq il-post l-ispettur tad-Dwana Jerome Azzopardi infurmah li kien hemm ammont ta' kontenituri li allegatament seta kellhom diesel bla dazzju. Lejliet huma ma setghux jaraw dan minhabba id-dlam li kien hemm. Gew identifikati liema huma l-kontenituri bis-suspett li dawn kellhom diesel bla dazzju u ittiehdu samples minnhom u dawn il-kontenituri gew elevati minn ufficjali tad-Dwana.

Dan ix-xoghol kollu sehh fil-presenza tal-akkuzat li gie mghoddi wkoll l-ircevuti tad- Dwana skond il-kaz. Kien hemm tlett kontenituri kbar li wkoll kien hemm suspett li kien fihom id-diesel. Inizjalment l-akkuzat insista li l-kontenut ta' dawn il-containers kien ilma, izda il-likwidu kien ahmar u hawn hekk Catania ammetta li tnejn minn dawn it-tlett tankijiet kienu qed jistorjaw diesel bla dazju xi 7 xhur qabel.Dawn iz-zewg tankijiet ukoll gew issigilati mid-Dwana.

---

[18] Appell numru 454/2022

Fuq il-post ukoll il- pulizija, skopriet li kien hemm 10 barriers tal-pulizija, uhud minnhom bil-marki 'Police' u hemmhekk l-appellant stqarr li kien sab dawn il-barriers vicin tar-razzett tieghu madwar Settembru 2009 u dan wara li kien sar party gewwa Paradise Bay. Hu kien hadhom ir-razzzett tieghu. Dawn gew elevati minnhom u hargulu ricevuta u ittiehdu fil-kwartieri generali minn PC 757 Kevin Colombo. Gie fotografat kollox mill-pulizija fil- forensika specifikament minn PS 186 K Mintoff u PC 122 A Borg. Is-sit baqa' taht sorveljanza mid-Dwana, assistiti minn PS 430 Andew St John ghal dak il- lejl ukoll u d-diesel kollu suspettuz li kien bla dazzju kien gie trasferit lejn l- ufficju tad-Dwana nhar il-25 ta' Marzu 2010.

A bazi ta' dak li sabu regghu marru id-depot u l-akkuzat rega gie interrogat u irrilaxxja stqarrija ohra li kif diga gie ritenut iktar il-fuq giet iddikjarata inammissibli u konsegwentament sfilzata.

Huwa esebixxa il-letter to prosecute tad Dwana datata 17 ta' Novembru 2010 mmarkata bhala dok AG1, Letter to prosecute tal-VAT datata 16 ta' Awwissu, 2010 markata bhala dok AG2, 34 ritratt mehuda mil-ufficjali tal-pulizija li gew markati bhala dok AG3, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-asssitenza legali markata bhala dok AG4, I- istqarrija datata 24 ta' Marzu, 2010 markata bhala dok AG5, it-tieni stqarrija mehuda nhar 1-24 ta' Marzu, 2010 u din giet markata bhala dok AG6 (li qed jigu skartati) u ricevuta li kienu hargu l-pulizija fir-rigward tal-10 barriers datata 24 ta' Marzu, 2010 markata bhala dok AG7.

**Joseph Borg**[19] xehed nhar it-18 ta' April, 2013 fejn muri d-dokument AG1 u gharafha bhala a *letter to prosecute* fil-konfront ta' George Catania u gharaf fuq l-istess il-firma

[19] Fol. 41 et seq tal-process.

ta' dak iz-zmien il-Kontrollur tad Dwana. Huwa esebixxa nota ta' qbid li ggib in-numru 47/2010 mahruga ukoll fil-konfront ta' George Catania. Hu esebixxa formalment 10250 litru ta' gas oil u elenku ta' dokumenti u 21 dokument.

**Connie Azzopardi**[20] bhala rapprezentanta tal-VAT department xehdet nhar it-18 ta' April, 2013 u murija id- dokument markat bhala dok AG2  tgħid li fuq dan id-dokument hemm il-firma ta' Paul Scicluna kollega taghha fid-Dipartiment tal-VAT. Il-letter to prosecute hija datata 16 ta' Awwissu, 2010 fil-konfront tal-akkuzat u dan sabiex jittiehdu l-proceduri odjerni.

**Jesmond Vella**[21] stazzjonat Enforcement Unit Dwana xehed fl-istess jum tat-18 ta' April, 2013 u spejga li nhar 1-24 ta' Marzu 2010 marru ibidlu l-kollegi tagħhom, l-Ispettur Saviour Farrugia, Officer Anthony Bonello u Senior Customs Assistant Richard Briscow li għamlu l-lejl ghassa fpost maghruf bhala Morning Dew, Ghajn Tuta, Cirkewwa u garaxx maghluq pero gew infurmati li kien hemm iktar tankijiet bil-fuel imxerrdin mal-area. F'xi 1-9.45p.m kienu  waslu fuq il-post l-ispettur Angelo Gafa u l-akkuzat. Huwa hareg il *withheld forms* fir-rigward tal-kampjuni u ghaddew kopja lill-akkuzat. Muri id-dokument JB2 jgħid li dawn huma l- *withdeld forms* salv l-ahhar wahda li instabet ta' meta imbaghad marru nizzlu l- fuel. Warajh kien hemmm Mario Cini u Robert Demanuele ghassa fuq il-post sakemm jinbidlu. Ikkonferma li l-akkuzat iffirma wkoll kull dokument.

**David Gauci**[22] xehed nhar is-27 ta Lulju, 2016 # impjegat ta' Saybolt Malta Ltd fejn jgħamlu analizi fuq iz-zejt. Jigifieri kwalunkwe zejt u kkonferma li dan il-kaz kien

---

[20] Fol. 67 et seq tal-process.
[21] Fol. 69 et seq. tal-process.
[22] Fol. 83 st seq. tal-process.

mar ghandhom xi sitt snin qabel u dan biex jaghmlu analizi tas-samples li gew moghtija lilhom. Hu esebixxa 20 dokument ta' certifikat ta' analizi li għamlu bhala rizultat. Qal li f'dan il-kaz intuzaw zewg tipi ta' diesel. Jghid li dawn jingħataw lilhom mid-dwana bin-numru C (serial number) u għalhekk ma jkunux jafu minn fejn ikun gie elevat.

Spjega li huma jircievu l-kampjun bis-C Number u ikunu go landa. F'dan il-kaz kien hemm 20 landa jigifieri 20 kampjun. Dawn ikollhom sigill u fic-certifikat ikun hemm miktub is-sigill. Ma jkunux jafu minn fejn gew elevati ikollhom biss is-C Number. Jghid li dawn jigu mghoddija lill-ispizjar fil-Laboratorju. Mistoqsi min kien l-Ispizjar jgħid li għaddew sitt (6) snin hu ma jiftakarx. Meta tigi kkonsenjata jkun hemm ricevuta u din tkun tinsab fil-file taghhom.

**<u>Brian Grima</u>**[23] xehed nhar 1-24 ta' Novembru, 2016 u stqarr li huwa kien assista lil fizzjala ohra u spetturi minn taghhom sabiex jimla l-bottijiet bid- diesel u jissigilhom. Mieghu kien hemm Jerome Azzopardi, Ufficial JR Caruana, Lawrence Cutajar, Ray Muscat u Robert Demanuele. Ftit wara fuq il- post kien wasal l-ispettur tal-pulizija Angelo Gafa u l-appellant li kien gharafquddiem l-Ewwel Qorti. Spjega li kienu hadu 20 sample minn hafna tankijiet dfferenti u l- ammont kien ta' circa 11,900 litru ta' diesel. Xoghlu ezatt kien li jiehu sample minn kull tank, jimla bottijiet tagħhom u l-fizzjal itih sigill u jissigilla u jitnizzel fir- rapport. Spjega li kienu jiehdu tlett kampjuni ta' kull sample. B'kollox kien hemm 20 sample minn ghoxrin tank. Huma izommu kampjun, l-iehor jintbaghat ghall analizi u l-iehor jinzamm mill-akkuzat. Wara telqu minn fuq il-post u hallew rapprezentanti tad- Dwana ghassa. Qal li dawn is-samples jitnizlu fi ktieb u jinzamm għandhom Is-sigill isir fil-prezenza tal-

[23] Fol. 111 et seq. tal-process.

akkuzat. L-akkuzat kien ukoll prezenti meta infethu t-tankijiet u anke waqt is-sigill u dawn tnizzlu fuq dokument u kopja inghatat lill-akkuzat.

**<u>Anthony Fenech</u>**[24] xehed nhar il-11 ta' Gunju, 2018 a fol. 122 u spejga li f'2010 kien jahdem fis-sezzjoni tal-infurzar tad-dwana. Qal li kien mar jaghmel spezzjoni in-naha tac-Cirkewwa flimkien ma Vince Agius u minn hemm hadu xi kampjuni minn go truk griz bowser u hadu kampjuni tad-diesel biex jigu analizzati minn naha tad-Dawana. Qal li marru f'post ic-Cirkewwa,  int u sejjer lejn il-vapur ta' Ghawdex. Dahlu minn trejqa u mxew sew. L-ewwel kien hemm xi haga tal-klieb u wara kien hemm garaxxijiet bil-bowsers tad-diesel ukoll. Baqghu dehlin u fejn il-garaxx kien hemm bowser griz. Meta ha l-kampjuni prezenti kien hemm Vince Agius u fil- fatt il-kampjuni haduhom flimkien. L-akkuzat kien ukoll prezenti bhala sid il- garaxx. Min hemm hadu l-kampjuni id-Dwana u tkomplew isiru testijiet fuqhom. Minn gol-bowser jghid li hadu kampjun wiehed go tlett bottijiet jew erbgha u wiehed minnhom gie mghoddi lill-akkuzat. Maghhom kien hemm kollegi ohra. Muri d-dokumenti esebiti a fol. 45 sa 66 jgħid li dawk ma sarux minnu. Qal li x-xoghol kien sar bil-lejl u meta kienu sabu l-bowsers dawn kienu gew ssigillati. Qal li hu kien ha l-kampjun mill-bowser griz.

Mistoqsi ghaliex nizlu ic-Cirkewwa jgħid li huma imorru kullimkien u dakinhar gew mitluba imorru hemm minn xi hadd mill-*administration* tad-Dwana. Izda min kienet il-persuna ma ftakarx. Mistoqsi jekk kienux qed jinvestigaw xi persuna ohra qabel il-kaz in ezami jgħid li ma jiftakarx. Qal li meta dahlu fil- post tal-akkuzat kienu identifikaw ruhhom bhala ufficiali tad-Dwana. Qal li akkuzat fil-presenza tieghu kien stqarr li kien juza dan id-diesel biex isahhan. Mistoqsi jekk rax l-eluf ta'

---

[24] Fol. 122 et seq. tal-process.

tigieg li kien qed irabbi jgħid li ma rahomx.Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienx jaf x 'kien ir-rizultat ta' dawk il-kampjuni, hu wiegeb li ma kienx jaf.

**Vincent Agius**[25] xehed nhar il-11 ta' Gunju, 2018 u kkonferma li dakinhar tal-ispezzjoni huwa kien jokkupa l-kariga ta' ufficjal fl-*Enforcement team* tad-Dwana. Dakinhar kienu gew mibghuta ic-Cirkewwa Ghajn Tuta go razzett biex ifittxu u jaraw jekk kienx hemm xi diesel mhux dikjarat. Qal li fuq il- post kien hemm bowser bla isem u minnu hadu xi kampjuni. L-ammont ta' diesel li kien hemm fil-bowser ma jiftakrux izda sostna li kollox kien idokumentat. Hu spjega li mieghu kien hemm Anthony Fenech u l-Ispettur Gatt. Il-kampjuni haduhom huma mill-bowsers u jghamluhom go bottijiet u ghaddew wiehed minnhom lill-appellant li hu gharaf quddiem l-Ewwel Qorti. Spjega li l-kampjuni ittiehdu minn tankijiet differenti ghax il-bowser kien maqsum f'erbgha jew hames partitions. Jaf pero li ittiehdet sample minn kull partition. Mistoqsi jafx x'rizultat kiern hareg minn dawn is-samples hu qal li jaf milli kienu qalulu wara u mhux konfermat li seta' jghid. F'garaxx vicin il-bowser jaf li kien hemm min ha xi kampjuni tad-diesel u gew issigilati ukoll għalkemm huwa ma hax dawn. Dan sar minn team iehor. Muri r-ritratti mehuda mis-SOCO, qal li r-ritratt 17 minn 34 juru l-bowser li hadem fuqu x-xhud personalment. Jghid li r-ritratt numru 15 juri t-tank u ir- ritratt numru 19 juri iz-zewg reservoirs fil-garaxx. Ix-xhud jikkonferma li dawk ir-ritratti ifakkruh f'din l-operazzjoni.

Mistoqsi in kontro-ezami kienx gieli mar f'dan il-post qabel u wiegeb li le. Qal li kien il-principal Manuel li kien baghtu jghamel din l-ispezzjoni pero ma ftakarx kunjom

---

[25] Fol. 129 et seq. tal-process.

il-principal u wkoll ikkonferma li l-istess principal ma kienx ghadu jahdem mad-Dwana. Fuq il-post kienu identifikaw ruhhom qabel ma dahlu u kkonferma li l-pulizija waslet fuq il-post wara. Mistoqsi jekk meta dar mar- razzett rax annimali jgħid li ma rax ghalkemm jaf li l-akkuzat qalilhom li kien irabbi il-flieles.

**<u>Carmel Farrugia</u>**[26] assistant Director id-Dwana xehed nhar id-29 ta' Ottubru 2018 u stqarr li dakinhar fit-23 ta' Marzu, 2010 kien dahal shift ta' bil-lejl u kien inghata struzzjonijiet biex jitla jassisti l-kollegi tieghu ic-Cirkewwa. Telgha ic- Cirewwa u sab kollega tieghu. L-Ispettur Joe Gatt, jiddiskuti ma l-appellant fuq garaxx li kien maghuq. Huwa tkellem mal-akkuzat li kkonferma li l-garaxx kien tieghu u mar igib ic-cwievet u fethu. Dahlu fil-garaxx u sabu xi containers li kienu mimlija bid-diesel. Staqsih jekk id-diesel kienx tieghu u qal li kien tieghu u gew elevati xi kampjuni u wara, l-bowser kien gie ssigillat. Il-garaxx ukol kien gie ssigillat. Hu u l-kollegi tas-shift tieghu qaghdu sa filghodu ghassa mal-garaxx. Filghodu meta sebah indunaw li kien hemm xi jerry cans ukoll skjedati fil-post u li kien fihom xi diesel ukoll. Sussegwentament kienu marru s-shift ta' filghodu u tawhom *handover*. Mistoqsi min kien baghtu hemm jghid li kien ic-Chief Inspector Manuel Sammut. Hu spjega li l-pulizija kienu gew wara. Mistoqsi jekk kienx kellem lill-appellant dwar id-drittijiet tieghu, dwar jekk kellux mandate ta' tfittxija u wiegeb li ma kienx qallu hekk. Hu spjega li ma kienx involute fit-tehid tal-kampjuni.

**<u>Anthony Bonello</u>**[27] ufficjal fit-taqsima tas-SISA (excise section) tad-Dwana, xehed nhar id-29 ta' Ottubru 2018 u spjega li nhar it-23 ta' Marzu 2010 dahal flimkien mal-kollegi tieghu tax-sift tieghu ghal ta' bil-lejl u gew moghtija struzzjonijiet sabiex

---

[26] Fol. 136 et seq. tal-process.

[27] Fol. 139 et seq. tal-process.

jiltaqghu c-Cirkewwa f'sit li kien jappartieni lill-appellant George Catania. Marru hemm u appena waslu, l-ispettur tax-shift tieghu talab lill-appellant sabiex jiftah il-garaxx u hemmhekk raw li kien hemm madwar ghaxar jew hdax-il container tal-plastic li skond l-appellant kienu mimlija bid-diesel. Barra l-garaxx, kien hemm bowser li ittiehdu xi kampjuni minnu, ftit wara gie l-ispettur Angelo Gafa minn naha tal-pulizija. Il-garaxx u l-bowser gew issigillati u l-appellant kien ittiehed mill-pulizija ghal aktar investigazzjoni minn naha taghhom. Kemm hu kif ukoll il-kollegi tieghu ghamlu lejl ghassa hemm hekk u filghodu kif sebah setghu jinnotaw li kien hemm ukoll numru ta' jerry cans zghar li kellhom xi likwidu fihom ukoll. Dawn il-jerry cans kienu skjedati fuq il-post. Il-kontenituri tal-garaxx kienu LBC's jigifieri jesa xi elf litru. Hu kien gharaf lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti. Qal li hu ma kellux involvement fit-tehid tal-kampjuni.

**Richard Briscoe**,[28] fizzjal tad-Dwana xehed nhar id-29 ta' Ottubru, 2018 u spejga li nhar it-23 ta' Marzu, 2010 kien inghata struzzjonijiet mix-xoghol sabiex imur ic-Cirkewwa u jassisti xi kollegi li kienu hemm shift bil-gurnata. Meta waslu hemm l-Ispettur tad-Dwana Carmelo Farrugia, tkellem mal-appellant u dan tal-ahhar fetah il-garaxx. L-Ispettur Farrugia u l-Ispettur Joe Gatt dahlu jiccekjaw x'kien fihom il-kontenituri tal-plastic bojod fil-garaxx u deher li kien fihom likwidu li skond l-akkuzat qal li kien diesel. Meta gie l-Ispettur tal-pulizija Angelo Gafa gie deciz li l-bieb tal-garaxx jingħalaq u jigi issigillat. Ma genb il-garaxx kien hemm bowser li ttiehdu xi kampjuni minnu, min-nies tax-shift ta' qabilhom u dan kien gie ssigillat ukoll. Hu flimkien mal-fizzjal Tonio Bonello u l-Ispettur Carmelo Farrugia baqghu ghassa matul il-lejl sakemm gew ibidluhom tax-shift ta' filghodu. L-appellant, li kien

[28] Fol. 141 et seq. tal-process.

gharaf quddiem l-Ewwel Qorti qal li ma kienx kellmu fuq il-post. Ikkonferma li t-tehid tal-kampjuni kien sar mill-kollegi tas-shift ta' qabilhom.

**L-Ispettur Mario Galea**[29] xehed nhar l-1 ta' April 2019 fejn spjega li huwa kien gie mitlub jaghmel xi kalkulazzjonijiet u dazji relatati mal-fuel li kien maqbud minghand l-appellant. Qal li ghamel il-kalkulazzjonijiet tal-valuri u wara hadmu d-dazju relatat mal-fuel li kien maqbud. Dak iz-zmien kien jahdem fis-sezzjoni tal-Infurzar fi grad ta' spettur. L-intervent tieghu kien biss mad-dokumenti biex jghamel il-kalkoli. Kien inghata il-kwantita' tal-qabda u cioe' li qabdu 13,000 litru. F'dan il-kaz hu ma kellux x'jaqsam mas-search.

Huwa pprezenta ir-rizultat tal-kalkoli li ghamel u jikkonsisti fil-kalkolazzjonijiet li ghamel hu stess. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dok MG a fol. 152. Fid- dok MG1 ghandu l-workings ta' kif wasal ghall-valuri finali tad-dazju u tal-prezz taz-zejt u id-dokument MG2 huwa parti minn dok MG1 bhala workings. It- 13,000 litru kienu diesel izda fizikament ma rahx. Jghid li jekk il-fuel kien illecitu l-istess kalkoli irid johrog.

Din il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' **PS 1574 Renaldo Cremona**[30] fejn stqarr li fis-6 ta' Marzu, 2019, l-ispettur Doriette Cuschieri mis-sezzjoni tar-reati Ekonomici talbet sabiex jingħata l-valur ta' kemm kienet tiswa *crash barrier* lura fis-sena 2010 u minn stharrig li kien ghamel jikkonferma li din kienet tiswa €57.82c il-wahda.

**Ikkunsidrat,**

---

[29] Fol. 145 et seq. tal-process.
[30] Fol. 155 tal-process.

L-aggravju ewlieni tal-appellant George Catania jirrigwardja l-ewwel akkuzat u cioe' fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati li fit-23 ta' Marzu 2010 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, ikkommetta serq ta' ghaxar (10) barrikati bi hsara tad-Dipartiment tal-Pulizija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok.

Illi d-definizzjoni tar-reat t as-serq giet imfassla fil-gurisprudenza bhala dik moghtija mill-Carrara billi l-legislatur ma ipprovda l-ebda definizzjoni ta' dan ir-reat, bl-elementi tas-serq, jigu mahruga minn din id-definizzjoni kif jispjega l-kompjant Professur Sir. Anthony Mamo li jislet hames elementi li iridu jigu necessarjament sodisfatti ghalbiex tirrizulta r-reita', u dan meta jippostula bhala dawn l-elementi:

1. *The contrectatio of a thing.*
2. *belonging to others.*
3. *made fraudulently.*
4. *without the consent of the owner.*
5. *animo lucrandi.*

Illi stante li l-istqarrijiet tal-appellant, kif ukoll kwalunkwe referenza ghalihom u kwalunkwe haga li l-appellant qal minghajr l-assistenza legali gew iddikjarati inammissibbli u konsegwentament sfilzati, l-unika provi li ghandha din il-Qorti f'dan ir-rigward tal-barrikadi huma x-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa' fejn qal li fuq il-post kienu sabu ghaxar barriers tal-pulizija u li whud minnhom kellhom il-marki cari 'Police' fuqhom. Dawn kienu gew elevati minn fuq il-post u giet mghoddija ricevuta lill-appellant. Dawn ittiehdu fil-kwartieri tal-pulizija minn PC757 Kevin Colombo. L-Ispettur Gafa' kien xehed illi minn verifici li hu kien ghamel mas-

surgent maggur inkarigat mill-Quarter Master Mario Galea, kien gie stabbilit li kull wahda mill-barriers kienet tiswa €93.17. Prova ohra f'dan ir-rigward kien l-affidavit ta' PS 1574 Renaldo Cremona fejn dan xehed illi l-crash barrier fl-2010 kienet tiswa €57.82.

B'dawn l-unici provi, din il-Qorti mhix tal-fhema li l-prosekuzzjoni lahqet il-livell rikjest mill-ligi u cioe' li 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellant seraq dawn il-*crash barriers*. Hawn hekk ninsabu fil-kamp penali u kwalunkwe dubbju jimmerita favur l-imputat. Ghalkemm huwa minnu li dawn il-barrikadi nstabu fil-pussess tal-appellant, u dan ghaliex kienu nstabu go propjeta' tieghu, din il-Qorti ma tistax tassumi li dawn gew misruqa. L-appellant ma jidhirx li kien gie akkuzat b'xi reat alternattiv bhal dak ta' ricettazzjoni ai termini l-Artikolu 384 tal-Kodici Kriminali jew dak ta' pussess kontra l-ligi ta' hwejjeg tar-Repubblika ta' Malta kif stipulat ai termini l-Artikolu 290 tal-Kodici Kriminali. Kieku kien il-kaz, il-konkluzjoni ta' din is-sentenza kien tkun differenti izda in vista tac-cirkostanzi sucitati, din il-Qorti ghandha idejha marbuta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet imfissra f'din is-sentenza, tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u ghalhekk thassar u tirrevoka l-parti s-sentenza appellata fejn kienet sabet lill-appellant hati u tilliberah minn kull htija u piena. Konsegwentament din il-qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-tieni aggravju tal-appellant.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

**Vera kopja**

Deputat Registratur